24/2/2025

# Temu tissieħeb ma' MaltaPost biex ittejjeb is-servizzi ta' tqassim f'Malta

*Titjib fil-loġistika tal-kummerċ elettroniku biex taqdi suq li kontinwament qed jikber f'Malta*

Temu, il-pjattaforma onlajn globali dirett mill-fabbrika, qed tħabbar sħubija strateġika ma' MaltaPost biex itejjeb is-servizzi ta' tqassim f'Malta.

Din il-kollaborazzjoni tgħaqqad il-mudell innovattiv dirett mill-fabbrika ta' Temu man-netwerk ta' tqassim stabbilit u estensiv ta' MaltaPost, bil-għan li toħloq esperjenza ta' kunsinja aktar faċli u effiċjenti għall-klijenti.

"Aħna ninsabu ħerqanin li nissieħbu ma' Temu biex inwasslu servizzi superjuri lix-xerrejja onlajn f'Malta," qal Joseph Gafa, Kap Eżekuttiv ta' MaltaPost. "Flimkien, aħna impenjati li nsaħħu s-sodisfazzjon tal-klijent u ntejbu l-esperjenza tat-tqassim sa ma jasal f'idejn il-klijent." Minn mindu daħlet fis-suq Malti f'Ottubru 2023, Temu ġabet magħha aktar minn 200 kategorija differenti ta' prodotti, li jvarjaw minn oġġetti essenzjali tad-dar sa prodotti elettroniċi, biex b'hekk toffri għażla usa' ta' prodotti għall-konsumaturi f'Malta.

"Il-missjoni ta' Temu hi li tagħmel prodotti ta' kwalità affordabbli u aċċessibbli għal but ta' kulħadd. Permezz ta' msieħba affidabbli bħal MaltaPost, aħna kapaċi kontinwament ntejbu s-soluzzjonijiet tal-loġistika tagħna, inwessgħu l-offerti tal-prodotti tagħna, u nipprovdu lill-klijenti esperjenza ta' xiri konvenjenti," qal kelliem għal Temu.

Riċentement, Temu bdiet tistieden bejjiegħa lokali fi swieq bħall-Istati Uniti, r-Renju Unit, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, Spanja, l-Olanda, l-Messiku, l-Belġju, l-Polonja u l-Awstrija biex jingħaqdu mal-pjattaforma tagħha. B'aktar bejjiegħa lokali, Temu toffri għażla ta' prodotti saħansitra usa' u aktar varjata biex tilqa' għall-preferenzi u l-ħtiġijiet tal-konsumaturi filwaqt li tappoġġja n-negozji lokali. Il-kumpanija qed tbassar li sa 80% tal-bejgħ totali fl-Ewropa se jiġi minn dan il-mudell li jgħaqqad il-bejjieħ u l-konsumatur lokali. Fl-istess waqt il-bejjiegħa bbażati fl-Ewropa, fil-futur ser ikunu jistgħu jbigħu lis-swieq globali permezz ta' Temu.

Temu espandiet f'90 suq globali sa mid-debutt tagħha f'Settembru 2022, u toffri għażla wiesgħa ta' prodotti u merkanzija bi prezzijiet kompetittivi. Temu hi waħda mill-aqwa apps rakkomandata mill-Apple fl-2024, u għandha waħda mill-aktar websajts tal-kummerċ elettroniku li jżuruha nies fid-dinja.

24/2/2025






## DWAR TEMU

Temu hija kumpanija globali tal-kummerċ elettroniku li tgħaqqad konsumaturi ma' miljuni ta' msieħba fin-negozju, kumpaniji tal-manifattura u brands rinnomati, u tgħinhom jgħixu kwalità ta' ħajja aħjar. Temu hija mpenjata biex toffri prodotti għal but ta' kullħadd u biex il-konsumaturi u l-imsieħba fin-negozju jkunu jistgħu jirrealizzaw il-ħolm tagħhom f'ambjent inklussiv. Temu bdiet topera fl-Istati Uniti f'Settembru 2022 u illum topera f'aktar minn 90 suq madwar id-dinja.

## DWAR MALTAPOST P.L.C.

MaltaPost p.l.c. hija l-fornitur ewlieni tas-servizz postali u loġistiki f'Malta u Għawdex, b'rwol kruċjali fis-servizz ta' tqassim 'last-mile'. Bħala 'Universal Service Provider' liċenzjata, il-kumpanija tiżgura l-ġbir u t-tqassim ta' posta u pakketti fl-indirizzi kollha madwar il-Gżejjer Maltin, b'minimu ta' sitt ijiem fil-ġimgħa. Il-kumpanija topera permezz ta' numru ta' hubs reġjonali li huma appoġġjati minn netwerk estensiv ta' fergħat postali u 'parcel lockers', li jagħmlu s-servizzi postali aċċessibbli b'mod wiesa' għall-kullhadd. Bħala l-kumpanija tas-servizzi postali ewlieni ta' Malta, MaltaPost mhix biss qed tqassam ittri u pakketti, imma qed twassal bidla fil-kwalità tas-servizz. Bill-proġett innovattiv tagħha 'One Delivery', il-kumpanija bidlet il-mod kif ittri u pakketti jitqassmu madwar Malta u Għawdex. Għaqdet l-effiċjenza operattiva mas-sostenibbiltà u tejbet il-mod ta' tqassim fil- 'last-mile'. Bis-saħħa ta' vetturi elettriċi, titjib fir-rotot ta' tqassim, u 'parcel lockers' mqassma b'mod strateġiku, MaltaPost eliminat il-ħtiega ta' tqassim ripetut fl-istess lokalità u naqset bin-nofs il- 'carbon footprint' tal-vetturi użati fil-proċess. Illum, MaltaPost topera 158 vettura elettrika – xhieda vera ta' impenn għal futur aktar ekoloġiku, bi pjanijiet għat-tkabbir ta' din l-istess flotta. MaltaPost hija regolata mill-Awtorità tal-Komunikazzjoni, li tiżgura konformità mal-istandards tal-industria. Il-kumpanija hija ukoll kkwotata fil-Borża ta' Malta. Dan kollu jenfasizza s-sinifikat tal-kumpanija fl-ekonomija nazzjonali u s-swieq finanzjarji. Barra minn hekk, bħala waħda mill-akbar kumpaniji privati f'Malta, MaltaPost tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija tal-pajjiż.